**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 4 ta' Dicembru, 2018

Rikors Nru : 270/18AL

A B
(ID 196251M)

vs

C sive C B (xebba D)
(ID 642751M)

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li gie kkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

Illi l-partijiet izzewgu fil-5 ta' April 1973(vide kopja ta' certifikat taz-zwieg hawn anness bhala Dok. A), u minn dan iz-zwieg kellhom tifel E B llum magorenni sew.

Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt redatt min-Nutar Dr Gerard Spiteri Maempel mis-26 ta' Dicembru 1985, kopja ta' liema kuntratt hija hawn annessa bhala Dok. B.

Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, stante li ilhom separati snin twal u illum iffirmaw hajjiet totalment separati u distinti minn xulxin.

Illi l-manteniment dovut mill-partijiet lil xulxin huwa regolat bil-kuntratt ta' separazzjoni bejn il-partijiet.

Illi b'hekk huma soddisfatti r-rekwiziti kollha tal-artikolu 66B et sequitur tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-esponenti xtaq jipprevalixxi ruhu mid-drittijiet lilu moghtija sabiex jitlob il-hall taz-zwieg bejnu u bejn martu.

Talab li l-intimata tghid ghaliex lil din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja il-hall taz-zwieg bejnu u bejn martu C sive C B;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex, fi zmien li tistabilixxi din l-istess Qorti, javza lid-direttur Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-6 ta' Lulju, 2018;

Rat illi l-intimata debitament notifikata ma wegbitx u ma dehritx ghal dawn il-proceduri ;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-26 ta' Dicembru, 1985;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.